*il-fatt li l-provi prodotti minn parti jkunu aktar konvinċenti mill-provi prodotti minn parti oħra, ma jneħħi xejn mill-oġġettività li trid tiġi eżerċitata biex Qorti jew Tribunal jaslu għad-deċiżjoni tagħhom - il-fatt li t-Tribunal għażel li jagħti raġun lil parti u mhux lill-oħra ma jfissirx li dan sar għaliex it-Tribunal naqas milli jevalwa xi fatt rilevanti, iżda biss għaliex minn eżami tal-fatti li kellu quddiemu, irriżulta li l-mod kif l-appellat ippreżenta l-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu, kien aktar konvinċenti*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 86/2021 LM

**Jonathan Portelli (K.I. nru. 207587M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Diane Galea (K.I. nru. 406581M)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuta **Diane Galea (K.I. 406581M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal

Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], tal-25 ta’ Novembru, 2022 [hawnhekk ‘id-deċiżjoni appellata’], li permezz tagħha t-Tribunal laqa’ t-talbiet tal-attur **Jonathan Portelli** [hawnhekk ‘l-appellat’], u kkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta’ elfejn, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,293.93ċ), flimkien mal-ispejjeż tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal, l-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallsu l-ammont ta’ €2,293.93ċ rappreżentanti self *brevi manu* li sar permezz ta’ diversi pagamenti matul is-sena 2020.

3. Il-konvenuta ċaħdet li kien hemm xi tip ta’ self bejn il-partijiet, u għalhekk wieġbet li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Mill-atti jirriżulta li l-partijiet kienu f’relazzjoni ma’ xulxin, u li kien hemm żmien meta l-attur kien jgħix mal-konvenuta. L-attur spjega li fiż-żmien meta huwa kien jgħix mal-konvenuta xtralha diversi rigali u għamlilha ħafna xogħol fid-dar tagħha, iżda kien hemm flus li huwa kien silifha meta hija giet sospiża mill-impjieg tagħha, li huwa ried li jitħallsu lura lilu. Kien għalhekk li huwa fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta’ Novembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta għandhom jiġu miċħuda, laqa’ t-

talbiet tal-attur, u għalhekk ordna li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,293.93ċ) bl-imgħax legali b'effett mill-11 ta' Marzu, 2021, sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi l-provi u x-xhieda kienu brevement is-segwenti.*

*Illi l-attur inizjalment xehed permezz t'affidavit. (fn. 12 Dan jinsab a fol. 11 tal-proċess) Jispjega li kien f'relazzjoni mal-konvenuta bejn is-snin 2019 u 2020. Jgħid li matul din ir-relazzjoni huwa kien aċċetta li jmur jgħix magħha għalkemm kellu l-post tiegħu. Hu kien jikkontribwixxi għal diversi eżiġenzi finanzjarji. Jagħmilha ċara li din l-azzjoni mhijiex ibbażata fuq dak l-infiq għaliex jaċċetta li dawn kienu ħlasijiet magħmula b'rigal. Lejn l-aħħar t'Awwissu, bidu ta' Settembru 2020, il-konvenuta spiċċat sospiża mill-Korp tal-Pulizija bil-konsegwenza li kienet waqgħet fuq nofs salarju. Jgħid li huwa kien offra li jħallas għas-servizz tal-avukat tagħha minħabba xi proċeduri l-Qorti, iżda dejjem bil-patt li l-konvenuta tħallas lura. Apparti minn hekk, huwa ħallas għal xi tiswijiet li kien hemm bżonn fil-vettura tal-konvenuta. Kien ukoll ħallas kont relatat ma' xogħol t'*air conditioners *meta l-konvenuta kienet qiegħda tirranġa post ieħor. Jgħid li f'Jannar 2021, huwa kien saħansitra pprova jasal f'arranġament mal-konvenuta sabiex tħallas lura bil-mod, fuq bażi mensili, iżda hija qatt m'aċċettat. Meta ra li l-konvenuta ma kienet ħallset xejn lura, huwa nieda dawn il-proċeduri.*

*Illi in kontro-eżami, jgħid li meta kienet intemmet ir-relazzjoni u mar sabiex jiġbor ħwejġu qal lill-konvenuta sabiex jagħmlu skrittura fuq kif kien sejjer jitħallas lura. Hi qaltlu li ma kienet sejra ttih xejn. Jikkonferma li l-post taż-Żejtun xtrah missier il-konvenuta. Jgħid li l-konvenuta kienet tgħidlu li meta tiġi fuq saqajha kienet sejra trodd il-flus lura. Jerġa' jikkonferma li kien hemm ħafna aktar spejjeż iżda dawk ma kinux b'self, kienu rigali. Qatt ma ntalab iħallas kera. Jerġa' jikkonferma li ħadha għand l-avukat tiegħu iżda qatt ma ħallsitu. Dwar il-karozza jgħid li vera hu u l-*mechanic *ħbieb u li hija kellha bżonn din il-vettura, għalkemm kien isellifha anke tiegħu meta jkun hemm bżonn. Dwar l-*air conditioners *jgħid li l-ammont dovut huwa relatat max-xogħol kollu involut fl-installazzjoni. Jikkonferma li dawn inxtraw mill-konvenuta. Hija riedet tlesti l-post biex imorru jgħixu hemm. In ri-eżami fl-istess seduta jerġa' jikkonferma li d-differenza bejn rigali li ħallas u dawn l-affarijiet mitluba kien proprju għaliex kien sempliċiment qiegħed jgħinha waqt li kienet għaddejja minn*

*fażi finanzjarja ħażina minħabba s-sospensjoni fuq il-post tax-xogħol. Ir-raġuni dwar it-tkissir tar-relazzjoni seħħet wara dawn il-pagamenti.*

*Illi l-konvenuta xehdet b'mod estensiv in subizzjoni. (fn. 14 xhieda relattiva tibda a fol. 25 tal-proċess) Hawn tispjega li hija taħdem fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u kif ukoll* part-time *mas-soċjetà G4S. Tikkonferma li ġiet sospiża mill-Korp f'Settembru tas-sena 2020. Minħabba dik is-sospensjoni hija kienet inkarigat lil Dr Joseph Giglio (issuġġerit mill-attur). L-avukat tħallas b'Revolut mill-attur u hi tgħid li hija ħallset lura lill-attur fi flus kontanti. Ma tafx kemm kien l-ammont. Ma tafx jekk kinitx ġibdet il-flus appożitament jew jekk kellhiex xi flus id-dar. Tikkonferma li f'dan il-perijodu kienet qiegħda tipperċepixxi nofs il-paga. Dan kien* circa *fl-ammont ta' seba' mija u sittin Euro (€760). Tgħid li l-attur mhux vera kien jgħinha bil-flus. Lura għall-kwistjoni tal-pagament lill-avukat, tgħid li kien hemm diversi okkażjonijiet (tlieta) u f'kull każ ma kellhiex flus fuqha. Dwar it-tiswijiet fil-vettura tgħid li l-problemi kienu f'Awwissu 2020 u mhux f'Ottubru 2020. Tgħid li l-*mechanic *kien ħabib kbir tal-attur. Dwar il-kwistjoni tal-vettura tgħid li t-tiswijiet saru b'rigal. Ma tafx x'tiswijiet saru fuq il-vettura. Dwar l-*air conditioners *tgħid li dawn ġew mixtrija minnha. Ma tafx min għamel l-installazjoni tagħhom. Hija fehmet li dik l-installazzjoni saret ukoll bħala rigal. Tikkonferma li l-attur qatt ma ġie jgħix fil-post fejn twaħħal dan l-apparat. Tgħid li hija qatt ma rat riċevuti.*

*Illi l-konvenuta xehdet ukoll permezz t'affidavit. (fn. 15 Dan jibda a fol. 83 tal-proċess) Hawn tgħid li r-relazzjoni mal-attur intemmet fl-1 ta' Jannar, 2021. Tgħid li l-attur qatt ma ħallas xejn fir-rigward ta' konsum. Tgħid li hija keċċiet lill-attur mid-dar tagħha wara li kienet saret taf b'xi terza persuna. Ħafna mill-affidavit tagħha kien jirrivolvi madwar affarijiet dwar ir-relazzjoni tagħhom. Dwar il-mertu tal-każ tgħid li hija ħallset lill-attur tal-avukat. Dwar il-vettura tgħid li ma kellhiex ħsieb issewwi l-istess għaliex missierha kellu diversi vetturi. Kien biss meta kienet sejra tkun f'pożizzjoni finanzjarja aqwa li kienet sejra ssewwi l-vettura tagħha. Ma taf xejn dwar dawn it-tiswijiet. Qatt ma rat irċevuti. Dwar proprjetà ġewwa San Pawl il-Baħar, tgħid li din ġiet għandha b'donazzjoni. Dwar l-*air conditioners *tgħid li hi ħalliet f'idejn l-attur. Tgħid li qatt ma ltaqgħet ma' min għamel ix-xogħol. Tagħlaq billi tispjega kif intemmet ir-relazzjoni. Tinnega li qatt tkellmu dwar self. Tgħid li dan id-diskors sar biss wara li ntemmet ir-relazzjoni. Tagħlaq billi tinnega li kienet f'pożizzjoni finanzjarja ħażina għaliex missierha kien taha somma flus sabiex tixtri l-appartament ta' San Pawl il-Baħar. Ġiet esebita korrispondenza.*

*Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Christian Mifsud. (fn. 16 xhieda relattiva tibda a fol. 52 tal-proċess) Bażikament huwa jikkonferma x-xogħol li għamel fuq il-vettura.*

*Kien ġie l-attur bil-vettura, iżda jaf li din hija tal-konvenuta. In kontro-eżami fl-istess seduta jikkonferma li huwa kiteb lill-attur bħala klijent, huwa dejjem irranġa miegħu. Kien hemm okkażjonijiet fejn il-konvenuta ġiet mal-attur il-garaxx. Il-ħlas sar mill-attur u l-pagament ġie mqassam fuq darbtejn.*

*Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Alan Farrugia. (fn. 17 Xhieda relattiva tibda a fol. 78 tal-proċess) Hawn spjega li huwa kien li nstalla l-*air conditioners. *Il-klijent tiegħu kien l-attur, u kien klijent regolari. Meta mar jara x-xogħol kien hemm ukoll il-konvenuta, iżda kien l-attur li ħallas. In kontro-eżami, jerġa' jikkonferma li tkellem biss mal-attur fuq dan ix-xogħol.*

*Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll missier il-konvenuta permezz t'affidavit. (fn. 18 dan jinsab a fol. 82 tal-proċess) Hawnhekk jgħid li skont hu l-attur qatt ma ħallas xejn fir-rigward ta' kontijiet ta' konsum tad-dar ġewwa ż-Żejtun. Ukoll, meta l-vettura tal-konvenuta kellha l-ħsara jgħid li huwa kien ta waħda minn tiegħu biex tinqeda. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud.*

*Illi magħmul dan ir-riassunt huwa ovvju li din il-kawża tittratta biss, u b'mod sempliċi, il-fatt ta' jekk l-ammont mitlub mill-attur f'dawn il-proċeduri għandhomx bħala bażi tiegħu titolu ta' self jew donazzjoni. Tassew, jingħad li kawżi simili jinqalgħu ta' spiss, speċjalment bejn kontendenti li jkunu f'relazzjonijiet amorużi. (fn. 19 tinħass il-ħtieġa li t-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet* ***__Anthony Galea vs Alice Agius__****, (App. Ċiv. Nru: 422/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru, 2010. Dan kemm minħabba dak għar-rakkolta ġurisprudenzjali u dottrinali hemm magħmul b'fatti simili għal dawk odjerni, iżda wkoll għas-senjalazzjoni ta' dik il-Qorti magħmula bis-segwenti mod: "*L-esperjenza tgħallem illi x-xorta ta' self hawn ikkontemplat huwa anke familjari fost koppji ta' namrati, għarajjes jew f'relazzjoni amoruża. L-eżemplari fir-rigward mill-ġurisprudenza huma numerużi. Ara "Maria Dolores Spiteri – vs – Mark Caruana", Appell Superjuri, 19 ta' Ġunju, 2001 u "Raymond Avallone – vs – Therese Agius", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 2004 u bosta deċiżjonijiet f'din tal-aħħar kompendjati. Dan qiegħed jiġi rilevat in kwantu ukoll fil-każ preżenti l-kontendenti kienu f'relazzjoni konsimili, kif hemm minnhom it-tnejn aċċettat u ammess."

*Illi l-azzjoni tal-attur hija rikjam lill-konvenuta sabiex din trodd lura l-ammonti żborsati minnu fl-interess tagħha, liema ammonti skont l-attur ingħataw lilha meta din kienet għaddejja minn problemi finanzjarji. Jisħaq kemm-il darba li dawn l-ammonti, b'differenza t'oħrajn li ngħataw matul il-konvivenza tagħhom, ma kinux rigal. Huwa ben aċċettat li dan it-tip ta' kuntratt (f'dan il-każ verbali) jista' dejjem jiġi deżunt minn provi ċirkostanzjali jekk dawn jikkonvinċu lil min hu mitlub jiġġudika. (fn. 20*

*B'senjaletika tajba, fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***__Perit Ondre Camilleri vs Leslie Corney__****, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal li "*li bih min jislef javvanza flus lil min isellef, li min-naħa tiegħu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bħal kull kuntratt ieħor, kif dejjem jista' jkun wieħed ċar u speċifiku, jista' jkun ukoll deżunt minn provi ċirkostanzjali li ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-ġudikant x'kienet il-volontà kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju.") *Huma tnejn l-elementi li għandhom jiġu ppruvati, u ċioe, it-*traditio rei *u li l-aċċettazzjoni ssir bl-obbligazzjoni tar-restituzzjoni. (fn. 21 F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***__John Muscat et vs Pacifico Bonnici et__****, (Ċit. Nru.: 745/1994/1), mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Jannar, 2005 fejn ġie mfakkar hekk: "*Mill-premessa tifsira li l-liġi tagħti lil kuntratt bħal dan hu ovvju illi l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-ħwejjeġ minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt, u ċioe t-traditio rei ossia f'dan il-każ, il-konsenja tal-flus, u, inoltre, li din il-konsenja ġiet affettwata b'titolu li jimporta l-obbligu fl-accipiens li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Huwa biss meta jirriżultaw aċċertati dawn iż-żewġ elementi tal-fatt kostituttiv tal-pretiża illi jista' jingħad illi l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju inkombenti fuqu.")

*Illi bħala punt ġenerali tajjeb jingħad li min jallega d-donazzjoni għandu l-oneru, mhux faċilment skartat, li jipprova l-istess. Meta din il-prova hija hekk mankanti, allura d-donazzjoni ma tistax tiġi preżunta, anzi għandha titwarrab. Wara kollox, dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għall-massima li* in dubio autem donatio non praesumitur. *(fn. 22 F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***__Reuben Farrugia noe vs Tessa Pisani__****, (Ċit. Nru: 1413/1996/1) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' April, 2010.) Id-dubju għandu jmur favur min jallega d-donazzjoni. (fn. 23 Kif anke ġie senjalat mid-difensur tal-attur fit-trattazzjoni tal-għeluq, dan it-Tribunal ukoll iqis doveruż li jissenjala dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet* ***__Margaret Woodall vs Anthony Rapa__****, (Avv. Nru. 1068/96) mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Novembru, 2001. Bl-istess mod, ftit jista' dan it-Tribunal jifhem għala l-konvenuta, fl-istess trattazzjoni, għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***__Mohammed Dau Akaari vs Kevin Lungaro Mifsud et__****, (App. Ċiv. Nru: 510/2009/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta dik il-Qorti tal-Appell laqgħet proprju l-aggravju mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u sabet li ma kienx hemm provi ta' donazzjoni, iżda ta' self! Huwa proprju għalhekk, dejjem salv għal dak li jipprovdi s-subinċiż tnejn (2) tal-artikolu 1753 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-liġi nostrana tirrikjedi ċertu solennità sabiex jiġi mħejji u magħmul kuntratt ta' donazzjoni. (fn. 24 Il-ġurist* ***__Francesco Ricci__*** *dwar dan jgħid hekk: "*Or, perche' la legge esige che la donazione si facciano per atto pubblici? Perche', lo abbiamo gia

accennato, il legislatore grandemente diffida delle liberalità che possono procedere da moventi meno che onesti, o da determinazione dell'animo non troppo libera e spontanea. Esigendo il legislatore l'intervento del pubblici ufficiale e dei testimoni nell'atto di donazione, egli non solo si assigure che il più delle volta i contraenti non oseranno porsi al cospetto degli uni e dell'altro ove non siano animati da fini onesti: ma, quel che più monta, ha in siffatto intervento la guarentigia la piu sicura della piena spontaneità dell'atto che si compie, essendoche' mal si potrebbe tener celata e al notai ed ai testimoni, che conoscono perfettamente le parti contraenti, la coazione che l'una di esse, od anche un terzo, avesse sull'altra esercitata." – Corso Teorico-Pratico di Diritto Civili, Vol. V III ed, UTET, 1923, para 224, a fol. 456).

*Illi wara debita riflessjoni, u eżaminat l-assjem tal-provi in atti, għalkemm għandhom naturalment il-kunflitt inerenti normali tagħhom (fn. 25 F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat il-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Novembru, 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, iżda dan it-Tribunal iqis doveruż li, kif diġà indikat, jiċċita l-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: "*illi huwa veru li hemm kunflitt kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia" u lanqas ma jkun ġej minn verżjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identità, veloċità, ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jqarrqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perijodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jgħelbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizzja. Meta l-kas ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li m'għandhomx rassomiljanza mal-kas preżenti (Formosa untrinque, P.A. 1964,

konfermata fl-Appell, 22 ta' Marzu, 1965). Anki f'każijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra ikbar tidher il-possibilità tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."), *it-Tribunal iqis aktar raġonata t-teżi tal-attur milli d-difiża mhux pruvata tal-konvenuta. Issa naturalment, kif solitu wieħed isib f'dawn it-tip ta' kawżi, il-kontendenti jagħtu xejra totalment differenti għal dak li verament seħħ bejniethom. (fn. 26 Proprju fuq kwistjoni ta' donazzjoni, tinħass il-ħtieġa li ssir referenza* in extensio *għal dak li ġie maġistralment dikjarat* obiter *mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet* ***Rosina Gauci vs Antonia armla Borg****, mogħtija nhar l-4 ta' Frar, 1965 fejn intqal hekk: "*jekk l-attriċi tippretendi li l-flus saru tagħha dan ma tistax tippruvah ħlief bit-titolu ta' donazzjoni. Biex ikun hemm donazzjoni, apparti mill-kwistjoni tal-formalitajiet rikjesti, - salvo fil-każijiet eċċettwati "ad substantiam", irid ikun hemm l-animu tal-liberalità, sakemm ma jkunx xi każ ta' dikjarazzjoni rimuneratorja. Il-provi fuq in-natura tar-rapport bejn il-partijiet f'dan ir-rigward huma konfliġġenti kif soltu jiġri f'każijiet bħal dawn, għax sa meta r-relazzjonijiet familjari jkunu għadhom tajbin kollox isir "alla buona" u bi ftit rigward għall-eżistenzi probatorji futuri, u mbagħad wara, jibdew id-dissidji, il-fatti ġia minnhom konfużi jkomplu jikkonfondu ruħhom għall-agħar bit-testimonjanzi kuluriti bl-ispirtu partiġġjan. **Il-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha preskritta mil-liġi l-ankra tas-salvataġġ tar-regola tal-oneru tal-prova." (enfasi miżjuda mit-Tribunal)**

*Illi l-konvenuta stess tammetti li hija riedet tħallas lura lill-attur għal uħud mill-affarijiet mitluba minnu. Bid-dovut rispett, qajla wieħed jista' jirrikonċilja d-difiża tad-donazzjoni ma' dak ammess mill-konvenuta u ċioe li skont hi ħallset lura lill-attur l-ammonti rigwardanti s-servizz professjonali tal-avukat tagħha. (fn. 27 F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Therese Agius vs Joanna Beirnie****, (App. Ċiv. Nru. 260/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-1 ta' Lulju, 2022 fejn proprju fuq ċirkostanza simili dik il-Qorti qalet hekk: "*Din il-Qorti tqis li l-fatt l il-appellata laħqet ħallset lura parti mis-somma li kienet ġiet ivversata lilha, kellu jikkostitwixxi l-prova reġina li l-flus li l-appellanta għaddiet lill-appellata ma kellhomx jitqiesu bħala għotja, iżda kienu self. L-appellata ppruvat tispjega dak li ġara billi qalet li ommha talbitha ħlas lura ta' parti mill-imsemmija somma fi żmien il-Milied, u ma riditx li jinqalgħu kwistjonijiet bejn il-partijiet proprju f'dan iż-żmien. Għall-Qorti iżda, il-fatt li l-appellata ħallset lura kwint mit-total li kienet ivversatilha ommha, jikkostitwixxi prova biżżejjed li l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien li s-somma li ħallset l-appellanta lil bintha kellha tintradd lura lilha. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu".) *B'din l-ammissjoni seħħet twaqqa' d-difiża tagħha li l-ammont kien wieħed fil-forma ta' donazzjoni u fl-istess nifs naqset però li tikkonvinċi lit-Tribunal li hija vera wettqet il-pagament. B'hekk min-naħa waqqgħet*

*id-difiża tagħha stess iżda mbagħad xorta ma ġiex pruvat b'mod serju l-element tal-pagament. (fn. 28 fuq din it-tematika, wieħed huwa mistieden jara r-rakkolta ġurisprudenzjali eżawstiva riprodotta fis-sentenza fl-ismijiet* ***__Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud pro et noe et__****, (App. Ċiv. Nru.: 274/2003/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Ottubru, 2005. Inoltre, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***__Lombard Bank Malta plc vs H. Vassallo & Sons Ltd. et__*** *(App. Ċiv. Nru: 172/2004) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Frar, 2008, fejn ċaħdet l-appell wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet irritjeniet hekk: "*Hu prinċipju mhux kontrastat in materja in fatti illi "*la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega',* kif kienet iddeċidiet il-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Mejju, 1985 fil-kawża Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-ġurisprudenza tagħna ġie kostantament ritenut li l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolt favur l-attur (Vol. XXXV.iii.604)." *L-intenzjoni tagħha però li trodd lura l-ammont tal-avukat juri biċ-ċar li kienet konsapevoli li dan l-ammont kien self. Minħabba l-ħin u l-mument meta ġew mgħoddija dawn l-ammonti, din l-ammissjoni għandha wkoll rilevanza għall-ammonti l-oħra hawn mitluba.*

*Illi meta wieħed iqis li l-attur kien tant kategoriku fit-testimonjanzi tiegħu, u li, anke b'lealtà lejn il-konvenuta u lejn dan it-Tribunal, kien ċar li l-ammont hawn mitlub huwa differenti mill-ammonti l-oħra li huwa offra lill-konvenuta matul ir-relazzjoni tagħhom, dan it-Tribunal jgħid mingħajr eżitazzjoni li rnexxielu juri li l-intenzjoni tiegħu fil-ħin li ntraddu l-flus dejjem kienet waħda li riedet ir-ritorn tal-ammonti żborsati u mhux li jeħles minn dawn l-ammonti bl-animu ta' donatur. (fn. 29 Il-ġurist* ***__Luigi Mattirolo__*** *jispjega l-kunċett dan bil-mod segwenti:* "A nostro avviso, la tradizione è un fatto semplice, e non convenzionale, solo quando essa costituisce puramenta l'esecuzione di un accordo precedente, già legittimamente provato. Ma nella donazione manuale dell'atto: in siffatta tradizione si manifesta e si concreta la volontà del donante, l'accettazzione del donatario, e l'esecuzione contemporanea dell'accordo di queste due persone". – *Trattato di Diritti Giudiziario Civile Italiano, IV ediz, Vol. II, Fratelli Bocca Editori, para. 324, a fol. 284). Dan mhuwiex każ ta' ripensament da parti tal-attur wara li jkun għadda donazzjoni. (fn. 30 F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak meqjus u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet* ***__Pauline Vella Moran vs Concetta Abela__****, (Rik. Nru: 1010/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru, 2017.) Dan huwa każ ta' self u xejn aktar. Il-volontà tal-attur fil-ħin tal-iżborsament intwera b'mod ċar u ma ġiex imfixkel mill-kontro-eżami magħmul lilu. Ma kien hemm l-ebda skop da parti tal-attur li jarrikixxi lill-konvenuta. (fn. 31 L-awturi* ***__Andrea Torrente u Piero Schlesinger__*** *fl-opra tagħhom*

*Manuale di Diritto Privato jgħidu hekk: "*l'arricchimento puo realizzarsi o dispendo di un diritto (il che può avvenire si trasmettendo al donatario il diritto stesso, sia costituendo a favore del donatario un diritto reale gravante su un bel bene del donante: es. Donazione di usufrutto; nella maggior parte dei case la donazione consiste nel trasferimenti di un diritto reale, ma potrebbe anche darsi l'ipotesi della donazione di un credito) o assumendo un'obbligazione nei confronti del donatario, purche' non si tratti di un facere (non rimango vincolato se mi impegno a restaurare senza corrispettivo un eficidio.) *Ukoll, il-ġuristi Baudry-Lacantinerie u Colin, fl-opra tagħhom* ***Trattato Teoretico Pratico di Diritto Civile*** *jgħidu hekk "*Colla donazione il donante si impoverisce per arricchire il donatario:- CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Della Donazioni fra Vivi e dei Testamenti, Vol. 1 para. 17 a fol. 6).

*Illi l-fehma tat-Tribunal tkompli tissaħħaħ bit-tempistika ta' kif ġraw l-affarijiet. Emerġa ċar u ammess li l-konvenuta kienet għaddejja minn problemi serji fuq il-post tax-xogħol tagħha u li konsegwenza ta' dan, kienet qiegħda tgħix b'nofs is-salarju tagħha. Hi stess, għalkemm wara ħafna reżistenza, taċċetta li kienet finanzarjament aktar fil-bżonn fil-ħin tal-għajnuna offruta u aċċettata b'self, mill-attur.*

*Illi għalhekk it-talba tal-attur għandha tintlaqa' fl-intier tagħha, anke għaliex, krollata d-difiża prinċipali tagħha, l-istess konvenuta għażlet li ma tikkwerelax formalment l-ammont (bħala somma) mitlub mill-attur.*

*Illi t-Tribunal kellu wkoll okkażjoni aktar minn darba sabiex jara l-komportament tal-konvenuta fuq il-pedana tax-xhieda. (fn. 32 F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited****, (App. Ċiv. Nru.: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru, 2008 fejn intqal hekk: "*Infatti jirriżulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemgħu mill-ġudikant li eventwalment ippronunzja s-sentenza. Konsegwentement dak il-ġudikant kien f'pożizzjoni ferm aktar vantaġġuża minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliċement abbażi ta' traskrizzjoni xotta xotta tax-xhieda. Għandu jiġi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setgħet tosserva kontinwament matul il-ġbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qegħdin jiddeponu quddiemha. Huwa magħruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jagħti ħjiel tajjeb ħafna lill-ġudikant, attent u tal-esperjenza, dwar il-veraċità o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qiegħed jiddeponi. Dana l-aspett diffiċilment jista' jiġi rifless fit-traskrizzjoni tax-xhieda iżda ġudikant ta' esperjenza li jkun qiegħed jisma' xhud ġeneralment ikun għassa għall-'body language' tax-xhud, bħal eżitazzjonijiet fil-vuċi tiegħu, l-espressjoni ta' għajnejh, u movimenti li jkun

qiegħed jagħmel waqt li jixhed u ċirkostanzi oħra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xhieda, liema indikazzjonijiet jgħinu ħafna lill-ġudikant biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-veraċità o meno ta' dik ix-xhieda." *Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg**, (App. Ċiv. Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu, 2015. Ukoll, għalkemm fi proċeduri in sede penali, it-Tribunal jagħmel riljev għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** mogħtija nhar it-30 ta' Marzu, 1963, fejn intqal hekk:* "Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia, kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jingħad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilità (ara Powell, On Evidence, b. 505), u kien, għalhekk, li ingħad mill-Qrati Ingliż, segwit anki mill-Qrati tagħna, illi, "*great weight should be attached to the finding of fact at which the Judge of first instance has arrived" (idem p.700) appuntu għaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination"). Anke f'dan ir-rigward iqis li l-verżjoni mogħtija mill-konvenuta mhijiex waħda affidabbli u purament soġġettiva. (fn. 33 tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy gia Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia**, (Ċit. Nru: 665/2006) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju, 2015 (mhux appellata) fejn b'awtorità, intqal hekk: "*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu involuti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha tendenza li tpinġi lilha nfisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet.")

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur u għalhekk jordna li l-konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' elfejn, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,293.93ċ) bl-imgħax legali mill-11 ta' Marzu, 2021 (fn. 34 Data tal-preżentata tal-Avviż odjern ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż (fn. 35 Ippreżentat mill-konvenuta stess u jinsab a fol. 127 tal-proċess) jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta."*

**L-Appell**

6. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tal-15 ta' Diċembru, 2022, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell billi tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiċħad it-talbiet tal-appellat fil-konfront tagħha. B'kollox l-appellanta ressqet ħames aggravji: (i) li t-Tribunal naqas li jifhem il-fatti b'riferiment għall-allegat self u (ii) b'riferiment għas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha; (iii) li t-Tribunal naqas li jifhem il-fatti dwar is-suġġettività tal-partijiet; (iii) skont l-appellanta kien hemm provi ċirkostanzjali u determinanti li ġew injorati mit-Tribunal, u (iv) fil-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu; (v) it-Tribunal kien kontradittorju fid-deċiżjoni tiegħu.

7. L-appellanta qalet li l-appellat sejjes it-talba tiegħu għar-radd lura ta' ħlasijiet li huwa għadda fuq tliet pagamenti li għamel kompletament separati minn xulxin, permezz ta' tliet tranżazzjonijiet ma' tliet kredituri differenti, u għalhekk l-allegat debitu huwa maqsum fi tliet debiti, wieħed mhux bħall-ieħor, u għalhekk għandhom jitqiesu b'mod separat minn xulxin. Qalet ukoll li hija ripetutament ħalfet li ħlas minnhom intradd lill-appellat minnufih, filwaqt li ż-żewġ ħlasijiet l-oħrajn kellhom l-għamla ta' donazzjoni. L-appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal naqas li jifhem li kien hemm tliet debiti żgħar separati u distinti minn xulxin. L-appellanta qalet li għalhekk l-insenjament iċċitat mit-Tribunal dwar il-prova reġina ta' imqar ħlas parzjali wieħed versu r-radd ta' self ma japplikax, għaliex il-pretensjonijiet tal-appellat huma għar-radd ta' tliet pagamenti li għamel versu tliet tranżazzjonijiet separati, fi żminijiet differenti tul ir-relazzjoni li kellu mal-appellanta.

8. L-appellanta qalet li t-Tribunal għaraf li l-appellat ħallas dawn it-tliet pagamenti li huwa jgħid li għamel għan-nom tal-appellanta bħala self, meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellanta kienet waħda stringenti fid-dawl ta' diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol tagħha li kienet qiegħda tiffaċċja. Qalet li kien proprju fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha li l-appellat jgħid li silifha dawn l-ammonti bi ħlas dirett lil tliet kredituri. Qalet li din l-affermazzjoni tal-appellat ma ssegwix meta fi kliemu stess ikkonferma anki waqt il-kontro-eżami li sarlu li qabel ma l-appellanta sabet ruħha f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli, huwa kien iħallsilha u jgħaddilha diversi rigali bħala ħwejjeġ li tagħhom ma jridx u ma talabx radd, iżda wara li sabet ruħha fi stringiment finanzjarju ħallsilha b'self. L-appellanta saħqet li għalhekk hemm kontradizzjoni ta' piż probatorju pedantiku u determinanti fl-istqarrijiet tal-appellat li t-Tribunal naqas li jqis meta kkonsidra l-vera intenzjoni tiegħu, il-motivazzjoni li wasslitu għat-tnedija ta' dawn il-proċeduri, u l-fehma tal-appellanta li l-appellat xtaq jivvendika ruħhu minnha meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet.

9. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal qies il-verżjoni tagħha, jiġifieri li tnejn minn tliet ħlasijiet saru għall-benefiċċju tagħha bħala donazzjoni, bħala waħda *"purament soġġettiva"*, u għalhekk it-Tribunal qies li ma jistax jistrieħ fuqha. Qalet li xorta waħda tirriżulta kontradizzjoni fir-raġunament tat-Tribunal għaliex f'parti mid-deċiżjoni tiegħu dan iddikjara li l-appellat kellu l-intenzjoni li jirċievi lura l-ammonti mħallsa minnu, u mhux li jħallas dawn l-ammonti bħala donazzjoni. L-appellanta qalet li anki hawnhekk l-intenzjoni tal-appellat hija waħda purament soġġettiva, iżda t-Tribunal taha piż probatorju li wasslu għall-eżitu deċiżorju favur l-appellat. L-appellanta qalet li minkejja dawn l-istqarrijiet

tiegħu, it-Tribunal fl-eżerċizzju tas-setgħa ġudizzjarja fdata lilu, naqas milli jagħti tifsira oġġettiva u mhux arbitrarja tar-raġunijiet għaliex wasal biex jemmen lill-appellat u mhux lilha.

10. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal għaraf li f'sitwazzjonijiet konsimili għal dik tal-partijiet, wieħed irid iħares lejn l-azzjonijiet emerġenti bħala provi ċirkostanzjali li jikkonvinċu lil min huwa mitlub jiġġudika, u mill-provi prodotti qies li d-difiża tagħha mhux ippruvata. Qalet li t-Tribunal għaraf li quddiemu kellu sitwazzjoni klassika ta' parti kontra l-oħra. Spjegat li ż-żewġ xhieda prodotti mill-appellat, jiġifieri Christian Mifsud u Alex Farrugia, it-tnejn xehdu li jafu lill-appellat, u li kien huwa li inkarigahom u vversalhom il-ħlas. Min-naħa tagħha l-appellanta qalet li lil dawn il-persuni ma tafhomx. Qalet iżda li s-sitwazzjoni ma kinitx daqstant ta' parti kontra l-oħra, għaliex min-naħa tagħha hija annettiet u ħalfet fuq numru ta' ritratti meħudin minn konverżazzjoni li kellhom il-partijiet, li jindikaw l-intenzjoni tal-appellat li jaġixxi bħala donatur, u għalhekk it-Tribunal kellu jikkonsidra li s-sitwazzjoni ma kinitx daqstant ta' parti kontra l-oħra. Qalet ukoll li l-appellat ressaq diversi allegazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet tiegħu biex jibqa' jgħid li huwa silef dawn l-ammonti lill-appellanta, iżda jgħid li l-arranġamenti bejniethom saru bil-fomm. L-appellanta qalet li kif jindikaw ir-ritratti annessi mal-affidavit tagħha, il-partijiet kienu jikkomunikaw anki fuq ħwejjeġ trivjali, u minkejja li huma infirdu u reġgħu flimkien, u tlewmu serjament bejniethom, l-appellat qatt ma ressaq talba lill-appellanta għar-radd ta' kull xorta ta' ħlas, u lanqas ma ressaq prova dokumentarja dwar dan.

11. Il-ħames aggravju tal-appellanta huwa li kien hemm kontradizzjonijiet fid-deċiżjoni tat-Tribunal, u qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx

suffiċjentement motivata b'apprezzament totalment oġġettiv tal-fatti kif emerġenti mill-provi prodotti u li l-partijiet ressqu quddiemu waqt is-smigħ tal-kawża, u minflok straħ fuq l-arbitrarjetà tal-partijiet.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. L-appellat wieġeb li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. Qal li essenzjalment l-aggravju tal-appellanta huwa wieħed, jiġifieri li t-Tribunal naqas li jevalwa l-provi mressqa quddiemu, u dan sempliċiment għaliex qies il-verżjoni tal-appellat aktar kredibbli minn dik tal-appellanta. Qal li però l-evalwazzjoni tal-provi taqa' pjenament fl-isfera diskrezzjonali tal-qorti tal-prim'istanza, hawnhekk it-Tribunal, u l-Qorti tal-Appell ma tistax tiddisturba d-diskrezzjoni, l-apprezzament u l-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal, sakemm din id-diskrezzjoni ma tkunx manifestement żbaljata.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li hija qiegħda tinsisti li kienet diġà ħallsitu għad-drittijiet professjonali tal-avukat tagħha, u in subizzjoni qalet li dawn il-flus hija kienet ġibdithom mill-ATM. L-appellat qal li l-appellanta setgħet faċilment tikkorrobora din il-verżjoni tagħha billi tesebixxi *bank statement* sabiex turi li f'dak il-perijodu hija verament kienet ġibdet dak l-ammont. Qal li barra minn hekk, l-appellanta xehdet li kienet tħalli ammont kbir ta' flus kontanti d-dar. Qal li din id-dikjarazzjoni tagħha tikkontradixxi d-dikjarazzjoni l-oħra tagħha li kienet tiġbed xi flus appożitament biex tħallas lill-avukat, u qal li kieku huwa minnu li din kien ikollha flus kontanti

d-dar, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li tmur tiġbed il-flus biex tagħmel ħlasijiet dovuti minnha.

14. L-appellat qal li huwa minnu li hu u l-appellanta kienu f'relazzjoni flimkien, u li kien jixtrilha bosta rigali tul din ir-relazzjoni. Qal iżda li l-flus li jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri kienu flus li kienu tħallsu f'kuntest partikolari, f'ċirkostanzi differenti miċ-ċirkostanzi l-oħra fejn huwa xtara rigali għall-appellanta, jiġifieri għaliex l-appellanta sabet ruħha f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja wara li ffaċċjat azzjoni dixxiplinarja mill-Korp tal-Pulizija, fejn kienet taħdem. Qal li dawn kienu flus li jammontaw b'kollox għal madwar €2,300 li huwa kellu jħallas għall-appellanta meta din spiċċat b'nofs il-paga. Qal li mhux ikkontestat li f'dan iż-żmien l-appellanta sabet ruħha f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli ħafna, u hija ma ressqet l-ebda prova li dak iż-żmien hija kellha minn fejn tħallas, jew li kienet komda, jew li kellha l-għajnuna ta' xi ħaddieħor, iżda fix-xhieda tagħha qalet li kellha l-ħsieb li kif tkun f'qagħda finanzjarja aħjar, issewwi l-vettura tagħha. L-appellat qal li dawn il-ħlasijiet minnu ma sarux f'okkażjoni speċjali, u kienu flus li gawdiet minnhom l-appellanta biss, u saru wkoll fil-kuntest ta' sfidi finanzjarji. Qal li għalhekk huwa ovvju li dawn ma kinux rigali jew donazzjonijiet, iżda self. Qal ukoll li min jallega donazzjoni, għandu jipprova l-istess, u donazzjoni ma tistax tiġi preżunta iżda għandha tiġi ppruvata. L-appellat qal li filwaqt li l-appellanta tgħid li dawn il-ħlasijiet kienu rigal, fl-istess nifs tgħid li hija raddet lura wieħed mill-ħlasijiet, jiġifieri dak tal-avukat. L-appellat qal li l-ħlas lill-avukat sar xi xahrejn wara li l-appellanta spiċċat sospiża mill-Korp tal-Pulizija, u għalhekk hija ma tistax tkun selettiva u tiddistingwi bejn it-tliet ħlasijiet mertu ta' dawn il-proċeduri, li lkoll saru bl-istess intenzjoni u taħt

l-istess ċirkostanzi. Qal li l-fatt li l-appellanta insistiet li raddet lura l-flus li huwa ħallas lill-avukat, juri li hija kienet taf li dan l-ammont ingħata lilha b'self, hekk kif kienu wkoll self l-ammonti l-oħra li qegħdin jintalbu f'dawn il-proċeduri. L-appellat qal li l-iskop tax-xhieda *viva voce* huwa proprju sabiex it-Tribunal adit bil-mertu jkun f'pożizzjoni jevalwa dak li joħroġ espressament minn fomm ix-xhieda, u jkun jista' jevalwa l-*body language* tagħhom, u fil-każ odjern it-Tribunal seta' jara mill-espressjonijiet u l-komportament tax-xhieda. min minnhom kien l-aktar kredibbli.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mill-appellat fir-risposta tiegħu. Hawnhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellat fejn jgħid li l-appell odjern sar għaliex essenzjalment l-appellanta mhijiex qiegħda taqbel mal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fir-rigward tal-provi miġjuba mill-partijiet.

16. Permezz tal-ewwel tliet aggravji tagħha, l-appellanta tikkontendi li t-Tribunal m'għamilx evalwazzjoni korretta tal-fatti. Qalet li l-appellat sejjes il-pretensjonijiet tiegħu fuq tliet ħlasijiet differenti lil tliet kredituri differenti, liema ħlasijiet saru wkoll f'okkażjonijiet differenti, jiġifieri, il-ħlas lill-avukat Giglio, il-ħlas għat-tiswija tal-vettura tal-appellanta, u l-ħlas għall-installazzjoni tal-*ACs*. Qalet li hija raddet lura lill-appellat il-flus għall-ħlas tal-avukat, filwaqt li

ż-żewġ ħlasijiet l-oħra vversati mill-appellat lil Christian Mifsud u lil Alex Farrugia kienu donazzjonijiet u kellhom jitqiesu bħala tali.

17. Iżda l-Qorti mhijiex daqshekk konvinta mill-mod kif l-appellanta qiegħda tpinġi s-sitwazzjoni ta' dak li ġara verament. Fl-ewwel lok għandu jirriżulta li l-appellanta ma ġabet l-ebda prova tal-flus li tgħid li ġibdet bl-ATM mill-kont bankarju tagħha sabiex tkun tista' trodd lura lill-appellat il-ħlas li għamel għas-servizzi professjonali tal-avukat. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellanta stess xehdet fid-depożizzjoni tagħha, li hija ma kienx biħsiebha tagħmel it-tiswijiet meħtieġa fuq il-vettura tagħha għaliex dak iż-żmien ma kinitx f'qagħda finanzjarja daqstant feliċi. Iż-żmien meta l-appellat għaddielha dawn il-flus kien żmien partikolari għall-appellanta, minħabba id-diffikultajiet li kellha fix-xogħol tagħha meta spiċċat sospiża mill-impjieg, u għal xi żmien kienet qiegħda tirċievi biss nofs is-salarju. L-appellat qal li filwaqt li tul ir-relazzjoni bejn il-partijiet kien hemm żmien meta huwa kien jixtrilha bosta rigali u jħallas għal bosta affarijiet fosthom safar u vaganzi u anki għal oġġetti fid-dar tal-appellanta, imma fl-istanzi partikolari mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa ried li l-flus li huwa ħallas għan-nom tal-appellanta, li jintraddu lura lilu. Il-Qorti tqis li minn dawn il-flus kienet biss l-appellanta li gawdiet, anki wara li r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat, u għalhekk in vista tan-nuqqas ta' prova li kien hemm xi forma ta' donazzjoni, anzi l-appellat qiegħed jinsisti li huwa dejjem iċċara li dan kien self min-naħa tiegħu, l-appellanta mhijiex korretta meta tgħid li t-Tribunal naqas li jifhem il-fatti tal-każ.

18. Anki permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas li jagħmel apprezzament korrett tal-fatti u tal-provi, u tgħid li filwaqt li t-

Tribunal ikkonsidra u tefa' piż fuq l-istqarrijiet tal-appellat dwar l-intenzjonijiet tiegħu, fl-istess waqt naqas li jikkonsidra fatturi oħra, fosthom x'kien li wassal lill-appellat jibda dawn il-proċeduri proprju wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet. Iżda anki hawnhekk, jidher ċar li l-appellat kien kuntent jislef flus lill-appellanta proprju għaliex l-appellanta sabet ruħha f'sitwazzjoni finanzjarja partikolari, u mhux għax kien hemm xi okkażjoni fejn xtaq jagħtiha rigal jew jagħmillha kumpliment. L-appellat għamilha ċara li huwa ma riedx flus lura ta' rigali jew safar jew oġġetti oħra li huwa xtara lill-appellanta bħala rigal, iżda ppretenda l-ħlas lura tal-flus minfuqa minnu għan-nom tagħha għas-servizzi tal-avukat li l-appellanta kellha bżonn meta kellha problemi fuq il-post tax-xogħol tagħha, il-flus li huwa ħallas lill-mekkanik li sewwa il-vettura tal-appellanta, u li l-appellanta stess tgħid li ma kienx beħsiebha ssewwi minħabba l-qagħda finanzjarja tagħha dak iż-żmien, u l-ħlas għall-installazzjoni tat-tagħmir tal-arja kundizzjonata fid-dar tal-appellanta. Huwa ċar ukoll li minn dawn il-ħlasijiet li għamel l-appellant f'isimha, kienet biss l-appellanta li gawdiet u ħadd aktar, u li baqgħet tgawdi minnhom anki wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti m'hija tara xejn li għandu jwassalha għall-konvinċiment li t-Tribunal kien żbaljat fil-mod kif evalwa l-provi, u għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

19. L-appellanta ħassitha aggravata wkoll b'dik li hija ssejjaħ 'soġġettività' li wasslet lit-Tribunal jikkonkludi li l-intenzjoni tal-appellat kienet dik li jislifha l-flus u mhux li jagħtiha donazzjoni. Qalet li meta t-Tribunal wasal biex jemmen dak li qal l-appellat, it-Tribunal kien qiegħed jeżerċita arbitrarjetà u kien qiegħed jonqos mill-oġġettività. Hawnhekk ukoll, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita

li fil-fatt it-Tribunal għarbel sew il-provi kollha li kellu quddiemu, ikkonsidra l-komportament tal-partijiet u tax-xhieda prodotti minnhom, u qies ukoll id-dokumenti esebiti mill-partijiet. Imma finalment il-ġudikant irid jiddeċiedi abbażi tal-provi li jkollu quddiemu, u l-fatt li l-provi prodotti minn parti jkunu aktar konvinċenti mill-provi prodotti minn parti oħra, ma jneħħi xejn mill-oġġettività li trid tiġi eżerċitata biex Qorti jew Tribunal jaslu għad-deċiżjoni tagħhom. Il-Qorti tqis li l-provi prodotti jsaħħu t-teżi tal-appellat li huwa ried biss jislef il-flus in kwistjoni u mhux li jagħtihomlha bħala rigal. L-appellanta setgħet iġġib il-provi tagħha in sostenn tat-teżi tagħha li dawn il-flus ingħataw lilha b'titolu ta' donazzjoni, iżda dan ma sarx, u għalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tilqa' dan l-aggravju.

20. L-appellanta tgħid ukoll li kien hemm provi ċirkostanzjali u determinanti li ġew injorati mit-Tribunal li jagħtu raġun lit-teżi tagħha, fosthom il-messaġġi telefoniċi skambjati bejn il-partijiet, li l-appellanta tgħid li huma prova li l-partijiet kienu jikkomunikaw bejniethom fuq diversi affarijiet, u li l-appellat qatt ma semma f'dawn il-messaġġi li huwa ried dawn il-flus lura. Il-Qorti fehmet li dawn il-messaġġi telefoniċi jixhdu żmien partikolari fir-relazzjoni bejn il-partijiet, fejn naturalment dak li kien qiegħed jiġi diskuss kien aktar l-andament tar-relazzjoni ta' bejniethom milli fatturi oħrajn. Il-fatt li fil-messaġġi esebiti ma jissemmewx dawn il-flus ma jfisser xejn għal din il-Qorti, għaliex jekk xejn il-kontenut tal-messaġġi m'hu tal-ebda rilevanza għall-mertu li jrid jiġi deċiż. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud ukoll.

21. Permezz tal-ħames aggravju tagħha l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nieqsa mill-motivazzjoni u li kien hemm nuqqas ta' apprezzament

oġġettiv tal-provi u tal-fatti li wasslu għad-deċiżjoni finali. Din il-Qorti ma taqbel bl-ebda mod ma' din l-evalwazzjoni, anki għaliex jirriżulta li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda dettaljata, mibnija fuq ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, u waħda li ħadet konsiderazzjoni tal-imġiba tal-partijiet u tax-xhieda prodotti. Għal darb'oħra l-Qorti tirritjeni li l-fatt li t-Tribunal għażel li jagħti raġun lil parti u mhux lill-oħra ma jfissirx li dan sar għaliex it-Tribunal naqas milli jevalwa xi fatt rilevanti, iżda biss għaliex minn eżami tal-fatti li kellu quddiemu, irriżulta li l-mod kif l-appellat ippreżenta l-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu, kien aktar konvinċenti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**